# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404

Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796

E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru ħamsa (5) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tnejn 02 t' April 2012, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publius Abdilla | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Johan Mula | Kunsillier |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Bħala l-iżjed wieħed anżjan mill-kunsilliera, is-sur Pietru Pawl Busuttil ippresedja l-ewwel laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi. Ma kien hemm l-ebda Minuti biex jiġu approvati mil-laqgħa preċedenti peress li kienet l-aħħar laqgħa tal-ħames leġislatura. Is-sur Pietru Pawl Busuttil, bħala l-eks Sindku tar-raħal, ta ċ-ċwievet tal-Kunsill lis-Sindku elett Francis Callus.

**2. Aċċettazzjoni tas-Sindku**

2.1 Is-sur Francis Callus ġie elett mill-poplu ta' Ħal Safi bħala s-Sindku l-ġdid tar-raħal. Kien hemm vot bejn il-kunsilliera għall-aċċettazzjoni tas-sur Callus bħala s-Sindku, u b'vot unanimu s-sur Callus ħa l-kariga tas-Sindku ta' Ħal Safi.

## 3. Aċċettazzjoni tal-Viċi-Sindku

3.1 Is-sur Johan Mula ġie elett mill-poplu ta' Ħal Safi bħala l-Viċi-Sindku l-ġdid tar-raħal. Kien hemm vot bejn il-kunsilliera għall-aċċettazzjoni tas-sur Mula bħala Viċi-Sindku u b'vot unanimu s-sur Mula ħa l-kariga ta' Viċi-Sindku ta' Ħal Safi.

## 4. Approvazzjoni tal-Onorarja tas-Sindku

4.1 Il-kunsilliera qablu unaniment illi s-Sindku Francis Callus jieħu €530.33 fix-xahar [daqs 1/3 tal-ammont li jieħu Membru Parlamentari] li hu l-massimu li Sindku jista jieħu ġo Kunsill ta' ħames kunsilliera.

**Meta ttieħdet din id-deċizzjoni l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qam mis-siġġu tas-Sindku u s-Sindku l-ġdid, Francis Callus, ħa s-siġġu mar-ras tal-mejda.**

## 5. Responsabilitajiet tal-kunsilliera

5.1 Is-Sindku Francis Callus qal illi, bħal qabel, il-kunsilliera għandhom jaħdmu flimkien f'kull qosma, u mhux biss skond id-dikasterijiet li kien se jqassam. Hu qal illi ġol-Kunsill dejjem hekk sar ix-xogħol u li l-kunsilliera għandhom jiftakru li dejjem għandhom ikunu lesti biex jaħdmu u jgħinu fil-Kunsill, u li għandhom jerfgħu r-responsabilta flimkien. Wara dan il-punt qasam id-dikasteri hekk:

Francis Callus (Sindku): Proġetti, anżjani u zgħazagħ, xogħolijiet
Johan Mula (Viċi-Sindku): Edukazzjoni, kultura u postijiet storiċi
Carlo Stivala: Traffiku, Sport u Kommunita kummerċjali
Pietru Pawl Busuttil: Ġonna, agrikultura, tindif urban u rurali
Publius Abdilla: Saħħa u sigurta.

5.2 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi avolja m'għandux wisq esperjenza fil-qasam tas-sigurta se jagħmel l-aħjar li jista.

5.3 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil irringrazzja s-Sindku Francis Callus li avdaħ bir-risponsabilta tal-ġonna. Fl-istess ħin qal illi hemm bżonn ta' tindif tal-ħamrija f'triq il-Karwija. Il-Kunsill se jibgħat lill-ħaddiema biex jaħartu l-ħamrija tat-triq.

**6. Jum Ħal Safi**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ġej Dr. Beppe Fenech Adami [Assistent Parlamentari għall-Ministerju tal-Ġustizzja] biex jagħti l-Premju Onoreficenza lir-rebbieħ.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ta dettalji tal-laqgħa li kien hemm mal-Bord tal-għażla għall-Premju Onoreficenza. Hu qal illi l-membri tal-Bord xtaqu jibdlu punt mir-regolamenti rigward nies mejtin li jiġu nnominati għall-Premju. Huma kienu talbu li niklarifikaw jekk hemm ammont taż-żmien li wieħed jista jkun ilu mejjet sabiex jieħu l-Premju. Il-Kunsill iddeċieda li ma jsir l-ebda tibdil għar-regolamenti sa qabel Jum Ħal Safi 2012.

6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ it-tlett kwotazzjonijiet tal-Catering għall-attivita tal-Ħadd 15 t'April 2012. Dawn kienu:

James Caterers: €527.38
Pastisserie: €681.45
C.Camilleri and sons: €687.65

Dawn l-ammonti jinkludew ukoll is-servizzi ta 3 waiters. James Caterers avża li jkun hemm bżonn t'iżjed minn 3 staff, iżda l-Kunsill iddeċieda unaniment illi ma jkunx hemm bżonn iżjed. Il-Kunsill għażel lil James Caterers biex jipprovdi s-servizz għall-attivita.

6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ġej il-President tal-Għaqda Ortikultura Maltija nhar il-Ħamis 12 t'April 2012 biex idur mar-raħal biex jagħżel ir-rebbieħ għall-isbaħ faċċata tar-raħal. Il-kunsilliera staqsew lis-Segretarju Eżekuttiv biex jikkonferma jekk il-kompetizzjoni se tkun għall-isbaħ faċċata, jew għall-isbaħ faċċata mżejna.

**7. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

7.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti.

**8. Ħwejjeġ oħra**

8.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi waqqa parti ta' ħajt ġo sqaq fl-area Ta' t'Amparell. Is-Sindku Francis Callus qal illi rċieva lmenti fuq dak il-post dwar xi abbużi li qegħdin isiru, u b'hekk hemm bżonn ta' iżjed sigurta. Ippropona li l-Kunsill jagħmel konkos mal-ħajt biex jibqa sod. Kien hemm qbil fuq dan is-suġġeriment u x-xogħol se jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

8.2 Is-Sindku Francis Callus ippropona li nerġgħu nużaw il-Neighbourhood Watch kif konna qabel. Il-Viċi Sindku Johan Mula staqsa jekk tintuża s-servizz waqt li l-kunsilliera li kienu parti tal-leġislaturi preċedenti qalu li ma kienx jintuza daqshekk. Il-Kunsill iddeċieda li nagħtu ftit iżjed pubbliċita dwar is-servizz waqt li noħorġu tabelli li jiġbdu l-attenzjoni fid-daħliet kollha tar-raħal.

8.3 Is-Sindku talab approvazzjoni mill-Kunsill biex nixtru kompjuter għal uffiċċju tiegħu. Din it-talba ġiet milqugħa mill-Kunsill. Fl-istess ħin is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kompjuters tal-uffiċċji għandhom bżonn 'servicing'.

8.4 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi fit-triq 'Dr.Carmelo Caruana: Politiku u

avukat' kien qed isir xogħol mal-parti tal-ħajt fejn daħħal karozza ftit ilu, iżda qal li x-xogħol ma tkompliex.

8.5 Is-Sindku Francis Callus qal illi l-ħaddiema tal-IPSL għandhom jagħmlu ż-żebgħa fejn hu bżonnjuż fit-toroq madwar ir-raħal. Qal illi dan ix-xogħol għandu jsir qabel Jum Ħal Safi.

8.6 Il-kunsillier Publius Abdilla qal li hemm min qed jipparkja l-karozza ma' kantuniera f'triq San Ġwann [kantuniera ma triq San Ġorġ] u b'hekk qegħdin joħolqu perikli għall-karozzi ġejjin minn triq San Ġorġ. Hu għamel suġġeriment biex naraw x'nistgħu nagħmlu u forsi nagħmlu single yellow lines. Il-kunsillier Carlo Stivala qal li jekk il-karozzi jipparkjaw in-naħa l-oħra tat-triq, il-periklu se jibqa hemm u b'hekk għandna nevitaw din is-sitwazzjoni wkoll.

8.7 Il-Viċi Sindku qal li hemm 'sleeping policeman' f'triq il-Feniċi li għandha bżonn titbaxxa. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ma kienx qabel max-xogħol fil-passat u x-xogħol ma sarx mill-Kunsill. B'hekk il-Kunsill qabel illi għandhom jitbaxxu s-sleeping policeman u li l-ispejjeż għandhom joħorġu mill-kuntrattur li għamel ix-xogħol.

8.8 Il-Viċi Sindku staqsa l-eks Sindku Pietru Pawl Busuttil jekk il-Kunsill verament għandu €233,000 bħal ma kien hemm miktub fl-intervista li sar ma MaltaToday. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi m'hemmx daqshekk, iżda hemm ammont sustanzjali li ġie kkonfermat mis-Segretarju Eżekuttiv meta ta kopja tal-Balance Sheets tal-Kunsill lill-kunsilliera. Is-sur Busuttil qal ukoll illi ħafna mill-informazzjoni li kien hemm fil-gazzetta MaltaToday ma kienx verament dak li kien qal hu.

8.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva talba minn tfal tar-raħal li jixtiequ jagħmlu SkatePark ġewwa Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li jekk hemm finanzi dan jista jsir, waqt illi l-Kunsill għandu jagħmel ħafna riċerka fuq dan it-tip ta' proġett. Is-Sindku qal illi jekk ma jsirx SkatePark, nagħmlu rampi tal-injam. Hu spjega wkoll kif bi proġett bħal

dan, ikollna naħsbu wkoll fuq l-insurance. Il-kunsillier Carlo Stivala qal li kien hemm min mar għandu biex jagħmlu din it-talba.

8.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra li l-Kunsill irċieva fejn persuna offra s-servizz tiegħu biex jagħmel vending machine fejn in-Nursery. Il-Kunsill iddeċieda li peress illi hemm bar in-naħa l-oħra tat-triq, u peress illi hemm minn iġib ix-xorb mid-dar, għalissa ma jarawx għalfejn hemm bżonn magna.

8.11 Il-Kunsill irċieva talba mix-xufier li jwassal lill-anzjani sad-Day Centre taż-Żurrieq biex jieħu żieda fil-ħlas għal kull vjaġġ. Il-Kunsill jixtieq jara kemm hemm nies li jużaw dan is-servizz qabel jieħdu azzjoni iżda jemmnu li ż-żieda minn €8.15 sa €15 hija waħda sostanzjali.

8.12 Il-kunsilliera ddiskutew fejn għandha ssir it-tinda fl-iskola Primarja ta' Ħal Safi. Il-Perit, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-eks Sindku Pietru Pawl kienu marru fuq il-post u kienu saru l-pjanijiet dwar fejn kellu jsir ix-xogħol, iżda ma kienx hemm qbil mill-kunsilliera li x-xogħol għandu jsir hemm u għalhekk se jsir laqgħa oħra mal-Perit, kif ukoll mal-kap tal-iskola, dwar fejn se jsir it-tinda.

8.13 Il-Viċi Sindku Johan Mula fakkar illi l-Kunsill għandu jikkomunika ma' nutar sabiex jiffirmaw dikjarazzjoni għal flus li ħarġu l-kunsilliera biex jikkontestaw l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.

**9. Laqgħa li jmiss**

9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm

9.2 Il-kunsilliera qablu li qabel Jum Ħal Safi jerġgħu jiltaqgħu biex jiddiskutu n-nominazzjonijiet tal-Premju Onoreficenza.

9.3 Il-laqgħa li jmiss se tkun fit-18 t' April 2012.

Sindku　　　　　　　　　　　　　　　　　　　　　Segretarju Eżekuttiv